MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 3/2002

**Anthony Friggieri**

**vs**

**Neville Borg**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Settembru, 2002 it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-26 ta' Frar 2001 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tlett mija u hamsa u disghin liri (Lm395) Maltin prezz ta' air-condition li wara ftit li ntuza gralu l-hsara.

L-intimat ipprezenta risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduti.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat u Christopher Borg u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:-

1. Ir-rikorrenti xtraw air-condition unit ghal prezz ta' tlett mija u hamsa u disghin liri Maltin (Lm395) li wara ftit li beda jintuza ma baqax ikessah minkejja li l-intimat beda jipprova isewwih xorta baqa' ma jkessahx.

2. L-intimat hareg eccezzjoni illi l-air condition irid jintuza ghal skopijiet kummercjali u mhux bhala konsumatur. Ghalhekk din il-kawza ma tistax tinstema' quddiem dan it-Tribunal.

3. It-Tribunal wara li sema l-partijiet kif ukoll sema' x-xhud fejn xehdu li kien hemm ammont konsiderevoli ta' fniek fil-garaxx u l-iskop ghaliex l-air-condition qieghed jintuza, jinnota illi l-verzjoni ta' l-intimat hija aktar kredibbli.

Ghal dawn il-motivi:-

It-Tribunal tichad it-talba tar-rikorrenti stante illi dan it-Tribunal mhux f'kompetenza li jisma' dan il-kaz, bl-ispejjez jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet."

L-aggravji ta' l-attur fil-konfront tas-sentenza mpunjata minnu huma arginati f'dawn it-termini:-

(i) Is-sentenza appellata tiddifetta minhabba nuqqas ta' motivazzjoni. F'dan il-kuntest huwa jissottometti illi s-sentenza attakkata ma tirrivestix ir-rekwiziti tan-norma procedurali sancita fl-Artikolu 218 tal-Kap 12;
(ii) It-Tribunal ma interpretax korrettement it-termini "konsumatur" u "kummercjant" kif definiti fil-Kap 378, u lanqas applikahom sewwa ghal kaz in ezami.

L-appellat wiegeb billi fl-ewwel lok issolleva l-pregudizzjali tan-nullita` u irritwalita` ta' l-appell interpost fuq l-assunt illi l-ligi ma takkordax dritt ta' appell hlief f'kaz singolari ta' allegazzjoni li t-Tribunal ma jkunx segwa r-regola ta' gustizzja naturali. Skond l-appellant dan ma kienx il-kaz hawnhekk.

Huwa logiku illi din il-Qorti jenhtiegilha tinvesti din l-eccezzjoni in kwantu jekk tirrizulta fondata hu ovvju illi ma jkunx hemm il-htiega li din il-Qorti tinoltra ruhha fuq l-aggravji.

L-Artikolu 22 (2) tal-Kap 378 jipprovdi hekk:-

"Appell skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jista' jsir <u>biss</u> (sottolinejar tal-Qorti) meta t-Tribunal ikun mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali, u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b'mod gravi l-jeddijiet ta' min jappella".

Huwa bil-wisq evidenti minn dan id-dispost illi d-dritt ta' l-appell taht din il-ligi specjali hu wiehed limitatissimu, konsentit biss ghas-sitwazzjoniijiet hemm kontemplati. Kif osservat drabi ohra, "din il-Qorti tara illi trid tirrispetta l-volonta` tal-poter legislattiv tal-pajjiz li ha decizjoni li jikkreja Tribunal illi ghandu funzjoni u mansjoni ferm differenti minn dik ta' qorti tal-ligi u li ghandu jiddeciedi fuq bazi ta' gustizzja sostantiva tal-kaz u skond l-ekwita` kif ukoll ghandha d-dover illi tirrispetta l-volonta` tal-Parlament meta fil-promulgazzjoni tal-Kap 378 specifikament illimita d-dritt tal-appell ghal dawk il-kazijiet fejn it-Tribunal ikun mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali u inoltre dik l-azzjoni tkun ippregudikat b'mod gravi l-jeddijiet ta' min jappella" – "**Romina Vella –vs- Renald Cachia (Phoenicia Laundry & Dry Cleaning**), Appell, 24 ta' April 2001; "**Rita u Anthony Linstead –vs- C.E.F. Trading Co. Ltd**", Appell, 10 ta' Jannar 2003.

Mill-atti tal-kaz prezenti jirrizulta illi l-iter processwali kien ghal kollox wiehed regolari li fih l-appellanti, anke permezz ta' Noti ta' sottomissjonijiet, inghata l-opportunita` shiha li jipprezenta l-kaz tieghu. In effetti fl-ebda parti tar-rikors ta'

l-appell ma jinsab dedott illi hu ma kienx gie moghti smiegh xieraq jew li l-kaz tieghu ma giex trattat u deciz skond id-dettami tal-gustizzja naturali.

Il-Qorti, imbaghad, lanqas ma tara jew taccetta illi l-fatt illi t-Tribunal iddikjara ruhu nkompetenti dan per se ippregudika b'mod gravi jew irriversibbli l-jeddijiet ta' l-appellant. It-Tribunal ma dderima l-ebda parti mill-meritu u allura l-appellant, kellu, u jista' ukoll ghad ghandu, l-jedd li jgib il-quddiem il-kaz tieghu quddiem il-forum idoneu u kompetenti.

Dan kollu premess iwassal necessarjament ghall-irritwalita` ta' l-appell. B'danakollu pero' anke kieku din il-Qorti nghatat mil-ligi d-dritt li tezamina l-aggravji, l-istess, u f'kull kaz, ma kienetx issib li dawn huma guridikament tenibbli.

Kwantu ghall-ewwel aggravju t-twegiba ghalih tinghata mill-Artikolu 23 (2)(d) ta' l-istess Att XXVIII ta' l-1994 li jippreciza illi l-arbitru "ma ghandux joqghod jaghti motivi imtawwlin dwar kif ikun wasal ghad-decizjonijiet tieghu, izda jkun bizzejjed li jelenka d-dettalji ewlenin li jkun sejjes id-decizjoni tieghu fuqhom".

Minn dan huwa desumibbli illi l-legislatur ma riedx ikopri lit-Tribunal b'dik is-sagramentalita` li l-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jirrizerva ghal kazijiet partikolari, u li ghalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici. Ghalhekk mhux motiv ta' nullita` tas-sentenza il-fatt li dik is-sentenza ma jkunx fiha l-motivazzjonijiet li ddeterminaw id-decizjoni tat-Tribunal kif hemm preskritt fl-Artikolu 218 tal-Kap 12.

Kwantu ghat-tieni obbjezzjoni tal-appellanti l-Qorti qabel xejn titlaq minn din il-premessa. Jigifieri illi "mhix il-kundizzjoni tal-persuna li ghandha tiddetermina jekk att huwiex ta' natura civili jew kummercjali, imma n-natura stess ta' l-att; b'mod li jista' jkun kummercjali avvolja mhux maghmul minn kummercjant, kif jista' jkun civili avvolja maghmul minn kummercjant" (**Vol XXXII pII p460**). Minghajr ma tinoltra ruhha izzejjed fuq din it-tema, anke

ghaliex gjaladarba waslet ghal konkluzjoni illi l-appell kien irritwali, din il-Qorti ma kelliex strettament ghalfejn tapprofondixxi l-aggravji, l-istess, bhat-Tribunal, tinklina versu l-veduta, kif emergenti mill-kumpless ta' l-atti, illi huwa difficli ma taghtix affidament lill-fatt illi t-trobbija tal-fniek ma hijiex wahda purament ta' delizzju izda pjuttost intiza u mahsuba ghal fini tal-kummercjabilita` taghhom, anke jekk mhux fuq skala ta' xi intrapriza kbira.

Dan maghdud, kif fuq gja accennat din il-Qorti ssib l-eccezzjoni sollevata mill-appellat timmerita akkoljiment, konsidrat il-fatt illi appell mid-decizjoni tal-arbitru hu biss konsentit ghar-ragunijiet stretti u limitati li l-ligi stess tispecifika.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata. L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif gja decizi mit-Tribunal. Dawk ta' dan l-appell jigu sopportati mir-rikorrent appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------